II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Lulju 2007

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u f'erba' ftehimiet relatati

(2007/566/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Wara l-adeżjoni tagħhom għall-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (Pajjiżi Applikanti taż-ŻEE) applikaw biex isiru Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim taż-"ŻEE") skond l-Aritolu 128 tiegħu.

(2) Għal dak il-għan, il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' l-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Pajjiżi Applikanti taż-ŻEE, Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija dawn ta' l-aħħar fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u erba' ftehimiet relatati, li huma:

(i) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

(ii) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

(iii) Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(iv) Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(3) In-negozjati intemmu fid-29 ta' Marzu 2007.

(4) Suġġett għall-konklużjoni eventwali tagħhom f'data aktar 'il quddiem, il-ħames ftehimiet imsemmijin għandhom jiġu ffirmati f'isem il-Komunità Ewropea.

(5) Sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa biex iġibuhom fis-seħħ u sabiex is-suq intern jinżamm jiffunzjona sewwa fiż-Żona Ekonomika Ewropea, il-ftehimiet imsemmijin għandhom ikunu applikati fuq bażi proviżorja skond Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja rispettivament.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill huwa permezz ta' dan awtorizzat li jinnomina l-persuna (i) bis-setgħa li jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea, il-ftehimiet li ġejjin, suġġett għall-konklużjoni tagħhom f'data aktar 'il quddiem:

— Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-ŻEE;

— Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

— Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

— Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-l-Iżlanda wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea; kif ukoll

— Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar persuna (i) bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea, Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein u n-Norveġja rispettivament, dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u erba' ftehimiet relatati. Sakemm jidħlu fis-seħħ, il-ftehimiet imsemmijin hawn fuq għandhom ikunu applikati fuq bażi proviżorja mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar li jiġi wara d-data li fiha jkun tlesta l-aħħar wieħed minn dawn l-Iskambji ta' ittri.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea u tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw kwoti ta' tariffi ġodda u kwoti ta' tariffi mibdulin applikabbli għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Iżlanda u n-Norveġja għandhom jiġu applikati fuq bażi proviżorja mill-ewwel jum tat-tieni xahar li jiġi wara d-ata li fiha jkun tlesta l-aħħar wieħed mill-Iskambji ta' ittri.

Artikolu 3

It-testi tal-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u ta' l-erba' ftehimiet relatati kif ukoll tal-Ftehimiet fil-Forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tagħhom huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Lulju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

L. AMADO